# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Numru 324/21TA**

**Fl-atti tar-rikors tal-mandat ta' qbid 487/2021MB**

**Saint George's Park Company Limited (C-264)**

**vs**

**Luke Chetcuti (K.I. 595691M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Luke Chetcuti (ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri) tad-9 ta' April 2021;

Rat ir-risposta ta' Saint George's Park Company Limited (f'dawn il-proċeduri s-Soċjeta' intimata) tal-10 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera***.**

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi tal-artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. L-argument prinċipali tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt, li ġaladarba l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (ara Deċiżjoni tal-Prim Awla rikors numru 677/18LM), b'Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2020 caħdet it-talbiet tas-Soċjeta' intimata, Attriċi f'dik il-Kawża, ai fini ta' dawn il-proċeduri, l-element tal-*prima facie* ma jistax ikun sodisfatt. Isostni li dan l-argument għandu saħħa independentement mill-fatt li s-Soċjeta' intimata interponiet appell minn dik is-Sentenza. Apparti dan, ir-rikorrent jargumenta ukoll, li l-ammont kawtelat rappresentanti penali għall-ksur ta' kuntratt, kif qalet l-ewwel Qorti fis-Sentenza suċitata qed jintalab intempestivament.

Din il-Qorti hija tal-fehma li qabel tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrent, jeħtieġilha l-ewwel tqis jekk dawn il-proċeduri kellhomx ikunu presentati quddiem din il-Qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell, li sal-lum għadu mhux appuntat. Dan il-punt tqanqal fit-trattazzjoni mis-Soċjeta' intimata fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021. Dan huwa punt ta' natura proċedurali li tqanqal ukoll quddiem din il-Qorti diversament presjeduta bejn il-partijiet

fuq l-istess mertu, in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru numru 1038/18. Dwar dan l-argument l-abbli difensur tar-rikorrent jirribatti li l-formalismu tal-liġi ma għandux jitrijonfa, ikun bi ħsara u preġudizzju għad-drittijiet ta' min ikun għamel il-proċeduri.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett proċedurali. Tammetti li fuq dan il-punt is-Sentenzi huma diversi u anke kultant anke konfliġġenti. Mis-Sentenzi kollha li ġew studjati, din il-Qorti tqies li l-aktar deċiżjoni li tagħmel ġurikikament sens hija dik li ngħatat fis-**16 ta' Mejju, 2006 Appell Ċivili Numru. 492/2005/1 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 489/05 Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia v. Nutar Pubbliku Dr Herbert Cassar u Visa Investments Limited**. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk fuq dan il-punt:

*"Galadarba jkun hemm kawza dwar dak li jkun qed jigi kawtelat bil-mandat li jkun inhareg, ma tapplikax dik il-parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 836 li tghid li rrikors (ghall-kontro-mandat) isir "lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju", izda necessarjament tapplika dik il-parti li tghid "lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza". Fil-kaz in dizamina zgur li l-Prim Awla mhux qed titratta l-kawza – il-funzjoni taghha ntemmet bis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2004. Huwa veru li l-appell interpost minn dik is-sentenza ghadu ma giex appuntat, izda din il-Qorti tifhem li l-kelma "titratta" fl-espressjoni "li tkun qeghda titratta dik il-kawza" tirreferi essenzjalment ghall-Qorti li quddiemha, kawza li ma tkunx ghaddiet in gudikat, tkun*

*pendenti. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, il-Qorti kompetenti hija din il-Qorti, minkejja l-fatt li l-appell ghadu ma giex appuntat ghas-smigh".*

Il-Qorti l-anqas ma tista' tinjora l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti fid-digriet tas-16 ta' Novembru 2020 fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1038/18 bejn l-istess partijiet. Fit-tqanqil tal-istess kwistjoni legali qalet hekk:

"*Fl-isfond ta' din il-gurisprudenza (b'referenza ghas-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Mario Gatt -vs- Madeleine Mallia tal-11 ta' Frar 2019**) kien ikun gustifikat l-argument tas-Socjeta' St. Georges Park Ltd li kieku r-rikors tal-Appell fil-Kawza rik 677/18 gie presentat qabel ir-rikors ghar-revoka tal-mandat numru 1038/18. Imma dan mhux il-kaz peress li kif jirizulta mid-dati fuq indikati , ir-rikors ghar-revoka tal-mandat in ezami gie presentat addirittura qabel l-ewwel smiegh tal-Kawza rik 667/18 quddiem il-Prim Awla Qorti Civili."*

Isegwi għalhekk li anke dik il-Qorti, taqbel mal-posizzjoni tas-Sentenza fuq indikata minn din il-Qorti u ma' numru ta' Sentenzi ċitati minnha stess. Li wassal lil dik il-Qorti tiċħad l-argument tas-Soċjeta' inkwistjoni ma kienx li ma taqbilx mal-prinċipju kif enunċjat f'dawk is-Sentenzi, iżda għaliex meta sar ir-rikors quddiem dik il-Qorti kien laħaq ġie presentat dak il-Mandat quddiem il-Prim Awla Qorti Ċivili, anke jekk wara kien presentat Appell.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-fatti ma humiex hekk. Ir-rikors għar-revoka kien intavolat fil-mori tal-Appell u mhux tal-Kawża meta kienet

għadha qed tittratta l-Kawża. Di fatti jirrisulta li l-Appell mis-Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2020 ġie intavolat fl-14 ta' Lulju 2020 mentri l-mandat inkwistjoni kien presentat fit-30 ta' Marzu 2021. Ben tmien xhur wara. F'artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet il-kliem "*il-Qorti li tkun qed tittrata dik il-kawza*" għandu jinftiehem li jagħmel referenza għal dik il-Qorti li tkun ġiet adita biex tieħu konjizzjoni tal-mertu, anke jekk il-Kawża ma tkunx għadha ġiet formalment appuntata.

Fil-każ li li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Prim Awla għamlet il-parti tagħha u sa fejn jirrigwardaha ma tista' tgħid xejn aktar, kemm fuq l-oġġett prinċipali li kellha quddiemha u lanqas fuq kwistjonijiet konnessi jew anċillari għall-istess bħal ma fil-fatt hija l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti. La darba dik il-Qorti tat Sentenza, anke jekk din ma tkunx għaddiet in ġudikat, ma tista tgħid xejn aktar, ħlief f'każijiet espressament imsemmija fil-liġi. Bħala eżempju din il-Qorti ssemmi l-*ab ommissa decisione* jew xi jkarifiki li jkun hemm bżonn jew kalkoli matematiċi żbaljati (ara artikoli 235 u 825 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Dan ikompli jsaħħaħ l-argument li fejn il-liġi riedet li dik il-Qorti jkollha fakultajiet post-sentenzjali, dan semmietu kwindi *ubi lex voluit dixit*.

Il-Qorti fl-aħħar nett tirrileva, li ċ-ċaħda ta' dan ir-rikors ma jfissirx li jingħalaq kull biex ieħor għar-rikorrent purke' li talba simili tkun segwita ritwalment skont il-proċedura stabbilita.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjes a' karigu tar-rikorrent.

**Mogħti kameralment illum 20 ta' Mejju, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**